# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 11**

**Rikors numru 62/16 JZM**

**Nadia Vella u Christopher Craven**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2020 illum Avukat tal-Istat u Joseph Camilleri, dan ta' l-aħħar għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ippreżentat fl-20 ta' Ġunju, 2016 ir-rikorrenti ikkontestaw digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-1 ta' Ottubru 2015 fl-atti tar-rikors maħluf bin-numru 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** liema digriet kien *inter alia* jipprovdi illi r-rikorrenti Nadia Vella ma kellhiex tħalli lit-tifel tagħha u tal-konvenut

Joseph Camilleri fil-preżenza tas-sieħeb tagħha, ir-rikorrent l-ieħor, Christopher Craven. Ir-rikorrenti jsostnu li l-imsemmi digriet u d-digrieti kollha illi bihom dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet ta' Nadia Vella sabiex l-imsemmi digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 jiġi varjat jew revokat ingħataw bi ksur tal-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħhom (**Artikolu 8** tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) speċjalment fl-isfond tal-fatt li r-rikorrenti kienu f'relazzjoni serja u qegħdin jistennew tarbija flimkien. Allegaw ukoll li l-istess digriet ingħata bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq (**Artikolu 6** tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali) għas-segwenti raġunijiet: (i) l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għaddiet ġudizzju dwar ir-rikorrent Craven mingħajr ma kien parti f'dawk il-proċeduri u mingħajr ma ngħata smigħ jew saru l-aċċertamenti meħtieġa kif mitlub mir-rikorrenti Vella; (ii) ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tad-29 ta' Settembru 2015 li preżumibilment wassal għall-imsemmi digriet, huwa siġillat b'ordni tal-istess Qorti u mhux aċċessibbli għall-partijiet; (iii) ir-rikorrenti Nadia Vella ma ngħatatx *oral hearing*; (iv) ir-rikorrenti Nadia Vella tista' biss tikkontesta l-imsemmi digriet, li ngħata mingħajr motivazzjoni speċifika, quddiem l-istess Qorti presjeduta mill-istess ġudikant li tatu. <u>It-talbiet jaqraw</u>:

> *'(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti jaghtu lok ghal u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti senjatament l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-*

*Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta` Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*"(ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti jaghtu lok ghal u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti senjatament l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta` Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*"(iii) konsegwentament taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana billi, fost affarijiet ohra, thassar u tannulla d-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-1 ta` Ottubru, 2015 fl-atti tar-rikors mahluf bin-numru : 302/2012/AL fl-ismijiet Joseph Camilleri v. Nadia Vella in kwantu l-esponenti Nadia Vella giet ordnata ma tesponix lill-minuri Eric Camilleri ghall-partner taghha b`effett immedjat;*

*"(iv) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu d-danni sofferti mill-esponenti minhabba tali vjolazzjonijiet.'*

2. Il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn il-kawża tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

3. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet il-kawża billi:-

*'Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u dwar l-eccezzjonijiet taz-zewg intimati billi taqta` u tiddeciedi hekk :-*

*"Tilqa' l-ewwel talba.*

*"Tilqa' t-tieni talba.*

*"Riferibbilment ghat-tielet talba, thassar u tannulla d-digriet moghti fl-1 ta` Ottubru 2015 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Camilleri vs Nadia Vella" (Rik. Gur. Nru. 302/2012/AL).*

*"Tichad ir-raba` talba.*

> *"Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal terz mir-rikorrenti, in kwantu ghal terz mill-intimat Avukat Generali u in kwantu ghal terz mill-intimat Joseph Camilleri.'*

4. Minn din is-sentenza appella l-Avukat Ġenerali għaliex l-ewwel Qorti: (i) għażlet li teżerċita s-setgħat konvenzjonali tagħha; (ii) sabet ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; u (iii) sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

5. L-appellati wieġbu li s-sentenza hi ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha b'dan illi l-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jiġi miċħud inkwantu infondat fil-fatt u fid-dritt.

6. Il-**fatti** prinċipali huma:-

i. Ir-rikorrenti Nadia Vella u l-intimat Joseph Camilleri iżżewġu fl-1 ta' Lulju 2001 u minn dak iż-żwieġ twieled binhom Eric Camilleri fil-5 ta' Marzu 2006;[1]

ii. Bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), Vella u Camilleri iffirmaw kuntratt ta' firda fl-14 ta' Jannar 2008.[2] B'dak il-kuntratt il-kura u kustodja kienet fdata f'idejn iż-żewġ ġenituri. Qablu wkoll li t-

[1] Fol. 8
[2] Fol. 8 *et. seq.*

tifel kellu jgħix mal-omm u l-missier ikollu l-jedd tal-aċċess fil-ġranet u ħinijiet stabbiliti fil-kuntratt. Sa dak iż-żmien kemm Vella kif ukoll Camilleri kienu jirrisjedu Għawdex;[3]

iii. Fil-5 ta' Ġunju 2009, Nadia Vella talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tawtorizzaha tirreġistra lill-minuri Eric Camilleri fi skola ġewwa Malta peress li hija kienet sabet impieg f'dik l-iskola.[4] Din it-talba ġiet opposta minn Joseph Camilleri[5] iżda b'digriet tat-23 ta' Lulju 2009 laqgħet it-talba.[6]

iv. L-intimat Camilleri beda relazzjoni ma ċertu Melissa Grima u eventwalment kellhom tarbija flimkien;[7]

v. Fil-21 ta' Diċembru 2012, l-intimat ippreżenta kawża fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ***Camilleri Joseph v. Vella Nadia*** (301/12)[8] sabiex ikun regolat l-aċċess peress li lmenta li bid-digriet tat-23 ta' Lulju 2009 kien naqaslu l-aċċess u ma kienx hemm provvediment dwar btajjel tal-iskola, festi pubbliċi u okkażjonijiet oħra;

[3] Fol. 94
[4] Fol. 18
[5] Fol. 19
[6] Fol. 20
[7] Fol. 447 *et seq.*
[8] Fol. 715

vi. F'Diċembru 2013, Nadia Vella bdiet relazzjoni mal-appellat l-ieħor Christopher Craven;[9]

vii. Fl-14 ta' April 2014, iż-żwieġ bejn l-appellata Nadia Vella u l-intimat Joseph Camilleri ġie dikjarat null mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza;[10]

viii. Fit-12 ta' Ġujnu 2015, Vella ppreżentat rikors[11] sabiex flimkien mal-*partner* tagħha tkun awtorizzata ssiefer bit-tifel mill-24 ta' Awissu sal-5 ta' Settembru ta' dik is-sena. Camilleri ppreżenta risposta fl-20 ta' Lulju 2015.[12] Għalkemm ma oġġezzjonax, talab aktar informazzjoni dwar il-vjaġġ u li jkun ikkumpensat għall-aċċess li kien se jitlef minħabba s-safra. Vella wiegbet fit-30 ta' Lulju 2015.[13] B'digriet tal-10 ta' Awissu 2015,[14] il-Qorti rrilevat li Vella kienet naqset milli tindika ma' min kien ser jorqod it-tifel. Ir-rikorrenti tat id-dettalji.[15] Il-Qorti ordnat in-notifika ta' nota lill-intimat b'jumejn żmien sabiex iwiegeb.[16] Fir-risposta,[17] Camilleri oġġezzjona li t-tifel isiefer ma' Craven minħabba li dan ta' l-aħħar allegatament ħebb għalih u heddu li kien se joqtol lil minuri Eric. Fl-20 ta` Awissu 2015, Vella ppreżentat nota[18] fejn ċaħdet dak li allega Camilleri. Tgħid anzi li kien Camilleri

[9] Fol. 94
[10] Fol. 101 *et seq*.
[11] Fol. 178 – 179.
[12] Fol. 180 – 181.
[13] Fol. 193 – 199.
[14] Fol. 200.
[15] Fol. 201 – 202.
[16] Fol. 204.
[17] Fol. 217.
[18] Fol. 218 *et seq*.

li kkawża diversi ġrieħi fuq il-persuna ta' Craven hekk kif jidher fir-ritratti minnha eżebiti. Madanakollu, biex iserraħ moħħ il-Qorti, Craven ibbukkja kamra għalih sabiex il-minuri ma jorqodx fl-istess kamra miegħu. Minkejja dan, fl-20 ta' Awissu 2015, il-Qorti tat digriet[19] fejn ċaħdet t-talba tas-safar *"għar-raġunijiet kollha imsemmija mill-kontro-parti"* kif ukoll għaliex riedet teżamina bir-reqqa r-rapport li kien għadu jrid jiġi ppreżentat mill-Avukat tat-Tfal;

ix. Intant, fl-24 ta' Lulju 2015, Joseph Camilleri ressaq rikors[20] quddiem l-istess Qorti, fejn allega li ma kienx qiegħed jingħata aċċess kif ordnat mill-Qorti u li l-omm kienet tigdeb fuqu u xxewwex lil binhom kontrih. Allega wkoll li fit-18 ta' Lulju, 2015 Christopher Craven, is-sieħeb ta' Vella, kien mar iħabbatlu d-dar tiegħu bil-lejl u heddu li kien se joqtol lit-tifel Eric u dwar dan l-inċident ippreżenta CD u rapport li huwa kien għamel lill-Pulizija. Abbażi t'hekk, Camilleri *inter alia* talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex ibnu Eric imur jgħix miegħu u li l-omm tingħata biss aċċess superviżjonat, iżda mhux fil-preżenza tas-sieħeb tagħha Christopher Craven. Nadia Vella oġġezzjonat għal dan ir-rikors permezz ta' tweġiba minnha preżentata fit-3 t' Awissu 2015.[21] *Inter alia* tgħid li kien l-intimat Joseph Camilleri li kkawża ġrieħi fuq il-persuna tal-appellat Craven f'dik l-okkażjoni u li Craven

[19] Fol. 233.
[20] Fol. 21 *et seq*.
[21] Fol. 237 *et seq*.

ma għamilx rapport dwar dan mal-pulizija fl-aħjar interess tal-minuri Eric li skontha huwa jħobb daslikieku huwa ibnu tant li jikkontribwixxi ekonomikament għall-edukazzjoni u vaganzi tiegħu;

x. Fit-3 ta' Awissu 2015, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ħatret lill-Avukat Tanya Sammut Catania bħala avukat tat-tfal sabiex tagħti l-fehma tagħha dwar ir-rikors ta' Joseph Camilleri u t-tweġiba ta' Nadia Vella;[22]

xi. Fid-29 ta' Settembru 2015 l-avukat tat-tfal ippreżentat ir-rapport li ma kienx aċċessibbli għall-partijiet;

xii. Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat digriet:[23]

> '*Reġgħet rat ir-rikors ta' l-attur tal-24 ta' Lulju 2015 u l-atti sussegwenti;*
>
> *"Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tad-29 ta' Settembru 2015.*
>
> *"Taħtar lil Carmen Sammut bħala espert psikologu illi wara li tikkomunika ma' Dr. Tanya Sammut Catania, tagħmel assessment tat-tfal minuri u tagħti r-rakkomandazzjonijiet kollha meħtieġa dwar il-minuri.*
>
> *"Tordna illi Nadia Vella ma tesponix aktar lill-minuri għal partner tagħha u dan b'effett immedjat.*
>
> *"Twissi serjament lil Nadia Vella illi f'każ illi tibqa tostakola l-aċċess tal-missier għall-minuri ser ikollha taffaċċja konsegwenzi tal-aġir tagħha li jammonta għal disprezz fil-konfront tal-awtorità tal-Qorti.*
>
> *"Taħtar social workers tal-Aġenzija Appoġġ biex jagħmlu 'monitoring visits' fir-residenza tal-omm u jagħmlu l-assessment relatati.*

[22] Fol 338.
[23] Fol. 24.

*"Il-Qorti tordna notifika ta' dan id-digriet lill-Aġenzija Appoġġ a karigu tar-Reġistratur tal-Qorti u notifika lil Carmen Sammut.'*

xiii. Fid-9 ta' Ottubru 2015, Nadia Vella talbet[24] lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex:-

(i) tvarja d-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 u testendi l-inkarigu tal-psikologa Carmen Sammut sabiex tevalwa l-karattru u n-natura ta' Christopher Craven, dak li għandu xi jgħid il-minuri fuq Christopher Craven kif ukoll teżamina r-relazzjoni tal-minuri ma' Christopher Craven u tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha meħtieġa dwar il-preżenza ta' Christopher Craven f'ħajjet il-minuri;

(ii) tisma' lil Christopher Craven jixhed dwar ir-relazzjoni li huwa għandu mat-tifel Eric Camilleri;

xiv. L-intimat Joseph Camilleri oppona t-talba ta' Vella[25] u fit-28 ta' Ottubru 2015, il-Qorti ċaħdet it-talba:

*'Il-Qorti:*

*"Rat ir-rikors tal-konvenut tad-9 ta' Ottubru, 2015 u r-risposta;*

*"__Tiċħad__ it-talbiet kollha ukoll għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta.'*[26]

[24] Fol. 345 – 348.
[25] Fol. 357 – 359.
[26] Fol. 363.

xv. Fil-25 ta' Novembru 2015, il-Psikologa Carmen Sammut ippreżentat ir-rapport tagħha fl-atti ta' dik il-kawża skont id-digrieti tal-Qorti. Hija rrakkomandat. *Inter alia* relatat li '*mindu ma jistax jara lil Chris, hu beda jsemmi, kemm meta ġabitu ommu, kif ukoll meta ġabu missieru, li jimmissjah, u esprima x-xewqa li jixtieq jarah għall-festi tal-Milied*'[27] u li Eric '*m'għandux iħossu li bilfors irid jagħżel bejn il-ġenituri tiegħu meta hija ovvja li hu jixtieq relazzjoni mat-tnejn*';[28]

xvi. Fl-20 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrenti ppreżentaw il-kawża kostituzzjonali;

xvii. Fl-4 ta' Novembru 2016, twieldet tarbija mir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti;[29]

7. **L-ewwel aggravju** jolqot dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali li ma kinux ġew eżawriti r-rimedji ordinarji. Isostni li waqt kawża ċivili parti m'għandhiex tikkontesta digriet permezz ta' kawża kostituzzjonali dwar ksur ta' dritt fundamentali. Jekk ir-rikorrenti riedu jikkontestaw id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015, kull ma kellhom jagħmlu hu:- (i) jitolbu r-revoka taħt l-**Artikolu 56(4) tal-Kap**

[27] Fol. 32.
[28] Fol. 35.
[29] Fol. 119

**16 tal-Liġijiet ta' Malta** u l-**Artikolu 230 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jew (ii) li jitolbu li jsir appell minn dak id-digriet quddiem il-Qorti tal-Appell wara li tiġi mħarsa l-proċedura taħt l-**Artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;** jew (iii) inkella li jiftħu kawża *ad hoc* biex iwaqqgħu dak id-digriet.

8. Bid-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 il-Qorti ordnat lill-attriċi sabiex *"ma tesponix aktar lill-minuri għal partner tagħha u dan <u>b'effett immedjat</u>"*.

9. L-ewwel Qorti qalet li mill-provi kienet sodisfatta li l-appellata irrikorriet quddiem il-qorti ordinarja sabiex jitħassar id-digriet in kwistjoni. Osservat ukoll li d-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 ma kienx wieħed li seta' jintalab il-permess tal-Qorti sabiex tappella minnu. Inoltre, ir-rimedju l-ieħor li semma l-Avukat Ġeneali li ssir kawża *ad hoc* ma kienx adegwat sabiex jindirizza l-vjolazzjonijiet li minnhom ilmentat ir-rikorrenti.

10. Bħala regola, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni li l-ewwel Qorti għandha skont l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni.[30] Dan aktar u aktar meta l-ewwel Qorti tkun sabet li seħħ ksur ta' dritt fundamentali protett taħt il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni:

> *"32. Waqt illi taħt il-Konvenzjoni l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma għandhiex is-setgħa illi tqis allegazzjoni dwar ksur ta' drittijiet fondamentali qabel ma min iressaq l-ilment ikun inqeda bir-rimedji kollha li tagħtih il-liġi domestika, taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili "tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha … f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew*

[30] **Scerri Elvia et vs Awtorità tad-Djar et**, Q.K. deċiża 13 t' April, 2018.

*kienu disponibbli … skont xi liġi oħra". Huwa għalhekk imħolli fid-diskrezzjoni tal-Prim'Awla – dejjem fil-parametri stabiliti fil-ġurisprudenża – li tagħżel "li teżerċita s-setgħat tagħha" wkoll meta min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju, u meta l-Prim'Awla tagħżel li tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha l-Qorti Kostituzzjonali bħala regola ma tiddisturbax dik l-għażla ħlief meta tkun manifestament ħażina jew meta hekk ikun meħtieġ biex ilproċeduri kostituzzjonali ma jiġux trivjalizzati ...*

*"34. Barra minn hekk, il-qorti tifhem ukoll illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ikun aktar xieraq illi l-aggravju dwar rimedju ordinarju ma jintlaqax, u illi l-appell jinstema' wkoll fil-meritu, partikolarment għax ma jkunx għaqli illi meta hemm sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tgħid illi seħħ ksur ta' drittijiet fondamentali f'materja importanti u delikata bħal ma hija dik tallum, dik is-sentenza titħassar mhux għal raġunijiet ta' meritu iżda minħabba punt proċedurali diskrezzjonali, b'mod illi d-deċiżjoni li sabet ksur ta' drittijiet tibqa' mdendla, biex ngħidu hekk, fuq il-kwistjoni. Ladarba ġà hemm deċiżjoni ġudizzjarja li toħloq għallinqas dubju prima facie li seħħ ksur ta' dritt fondamentali, ikun aktar għaqli li dak id-dubju jew jiġi konfermat jew jitneħħa.'*[31]

11. Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti li għandha skont l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, ġiet eżerċitata ħażin.

12. In vista' ta' dak li ser jingħad iktar 'il quddiem dwar it-tieni aggravju, ikun floku li l-ewwel jiġi kkonsidrat it-**tielet aggravju**. L-Avukat Ġenerali isostni li għalkemm id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 seta' ngħata f'ċirkostanzi aħjar, madanakollu dan ma jfissirx li l-imsemmi digriet ippreġudika s-smigħ tar-rikorrenti kif imħares bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ilmenta li: (i) Christopher Craven ma kienx parti fil-kawża li qed tinstema' mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u għalkemm kien is-suġġett tad-digriet attakkat permezz ta' din il-kawża, permezz ta' l-istess

[31] **Partit Nazzjonalista nomine et v. Kummissjoni Elettorali et,** Q.K. 25 ta' Novembru 2016

la ġew deċiżi xi jeddijiet jew obbligi ċivili tiegħu u lanqas ġew deċiżi xi akkużi kriminali maħruġa kontrih; (ii) sa fejn min-naħa l-oħra l-ilment ġej mill-appellata Vella, id-digriet attakkat ingħata *pendente lite* u għandu sura proviżorja mhux definittiva b'dan illi, f'każ ta' bdil fiċ-ċirkostanzi, seta' jiġi mibdul; (iii) ma kienx neċessarju li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tagħti smiegħ orali u f'kull każ ma saret l-ebda talba f'dak is-sens. Inoltre, l-appellata Vella kienet għadha fl-istadju tal-provi tagħha u għalhekk kienet fiċ-ċans li tħarrek lill-appellat Craven bħala xhud tagħha waqt il-kawża; (iv) ħadd mill-partijiet ma talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jara r-rapport tal-avukat tat-tfal u jekk l-appellati riedu jiżvelaw ix-xewqat tal-minuri Eric kull ma kellhom jagħmlu huwa li jħarrku lilu direttament; (v) qatt ma saret referenza għall-Artikolu 37 tal-Kap. 16 liema Artikolu mhux rilevanti; (vi) id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 huwa wieħed kamerali kif ukoll interlokutorju ladarba fih ġew maħtura xi esperti biex jassistu l-Qorti fid-deċiżjonijiet tagħha. Għalhekk, kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, l-istess kien appellabbli.

13. L-<u>Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni</u> jipprovdi kif ġej:

> *'Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.'*

14. Bħala fatt, l-appellat Christopher Craven ma kienx parti fil-kawża li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)[32] u ma jistax jilmenta li seħħ ksur tal-Artikolu 6. Dan iktar u iktar meta tqis li m'hemmx prova li r-rikorrent ippreżenta rikors sabiex il-Qorti tisma' l-verżjoni tiegħu qabel tagħti ordni. M'hemmx dubju li kien jaf bit-talba li għamel missier il-minuri ġialadarba kien qiegħed jikkoabita mar-rikorrenti.

15. Konsegwentement, ma jistax jingħad li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika għall-appellat Craven. Għalhekk, safejn l-Avukat tal-Istat jilmenta li l-ewwel Qorti ma kelliex issib ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront ta' Craven, l-aggravju tiegħu ser jintlaqa'.

16. L-appellant argumenta li fir-rigward tal-appellata Vella, id-digriet ma kienx finali u seta' jinbidel f'każ ta' tibdil ta' ċirkostanzi.

17. Hu minnu li d-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 ma kienx finali u seta' jinbidel. Madankollu ma jfissirx li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax. Fis-sentenza **Mercieca v. Malta** (rikors 21974/07) tal-14 ta' Ġunju, 2011 il-Qorti Ewropea qalet:-

> *"33. The Court reiterates that Article 6 in its civil "limb" applies only to proceedings determining civil rights or obligations. It notes that in the recent Micallef judgment (cited above, §§ 79-80), the Grand Chamber held that the exclusion of interim measures from the ambit of Article 6*

[32] Fol. 715 *et seq*.

*was no longer justified by the fact that they do not in principle determine civil rights and obligations. The Grand Chamber considered that in circumstances where many Contracting States faced considerable backlogs in their overburdened justice systems, leading to excessively long proceedings, a judge's decision on an injunction would often be tantamount to a decision on the merits of the claim for a substantial period of time, even permanently in exceptional cases. It followed that, frequently, interim and main proceedings decided the same "civil rights or obligations" and had the same resulting long-lasting or permanent effects.*

*"34. The Grand Chamber, however, considered that not all interim measures determined such rights and obligations and the applicability of Article 6 would depend on whether certain conditions were fulfilled (ibid §83). First, the right at stake in both the main and the injunction proceedings should be "civil" within the autonomous meaning of that notion under Article 6 of the Convention. Second, the nature of the interim measure, its object and purpose as well as its effects on the right in question should be scrutinised. Whenever an interim measure could be considered effectively to determine the civil right or obligation at stake, notwithstanding the length of time it is in force, Article 6 was applicable. However, the Court accepted that in exceptional cases - where, for example, the effectiveness of the measure sought depended upon a rapid decision- making process - it might not be possible immediately to comply with all of the requirements of Article 6 (see Micallef, cited above, §§ 84-86)".*

18. Id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 altru milli iddetermina d-drittijet ċivili tar-rikorrent, cioe` dak li tkompli tikkoabita mas-sieħeb tagħha. Ħaġa li ma setgħetx tagħmel jekk mhux billi tirrinunzja għall-kura ta' binha, li hu evidenti hu tant qrib ta' ommu. Digriet li wassal sabiex ir-rikorrenti ma setgħetx tkompli tgħix mas-sieħeb tagħha, mingħajr ma ngħatat l-opportunita` li tinstema' mill-qorti u mingħajr mal-Qorti ma kkonsidrat jekk l-allegazzjoni li għamel Camilleri fil-konfront ta' Craven, kinitx minnha.

19. Bħala stat ta' fatt ma kien hemm l-ebda varjazzjoni tal-ordni li ngħatat bid-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 u s-sitwazzjoni kompliet sakemm

eventwalment l-atturi ppreżentaw il-kawża fejn ilmentaw minn ksur ta' drittijiet fundamentali. Hu wkoll minnu li bħala regola ġenerali wieħed irid iqis il-proċess kollu fl-assjem tiegħu, pero` dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm ċirkostanzi li jimmeritaw li d-dritt protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiġi applikat fir-rigward ta' inċidenti partikolari li jkunu ġraw waqt kawża. Hekk il-każ odjern. L-effetti tad-digrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-1 u tat-28 ta' Ottubru 2015 huma tali li wieħed ma jistax jippretendi li l-appellata kellha tistenna li tintemm il-kawża sabiex tressaq l-ilment tagħħa. Kawża li jirriżulta li kważi ħames snin wara, għadha pendenti.

20. Dan lanqas ma kien każ fejn minħabba n-natura tal-allegazzjoni li saret mill-konvenut, il-Qorti tat digriet minnufih fl-interess tal-minuri. Kien biss xahrejn wara, li l-Qorti tat digriet li bih ordnat lir-rikorrenti sabiex ma tħallix lit-tifel fil-prezenza tal-*partner* tagħha. Il-konsegwenzi ta' liema ovvjament daħlu fis-seħħ minnufih, kif spjegaw ir-rikorrenti fl-affidavit li ppreżentaw.

21. L-appellat jargumenta li ma kienx neċessarju li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tagħti smiegħ orali u f'kull każ ma saret l-ebda talba f'dak is-sens. Jgħid li l-appellata Vella kienet għadha fl-istadju tal-provi tagħha u għalhekk kienet fiċ-ċans li tħarrek lill-appellat Craven bħala xhud tagħha waqt il-każ.

22. Hu fatt li fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ta' kuljum ikunu preżentati diversi rikorsi sabiex jingħataw digrieti *pendente lite*. M'huwiex possibbli u lanqas meħtieġ li jkunu appuntati għas-smiegħ kull rikors li jiġi ppreżentat f'dik il-Qorti. Madankollu fil-każ in eżami kien hemm sitwazzjoni fejn bid-digriet li ngħata fl-1 ta' Ottubru 2015, koppja ta' tnejn min-nies ma setgħetx tkompli tikkoabita. Digriet li ngħata mingħajr:-

i. il-Qorti semgħet provi dwar l-akkuża serja li missier it-tifel għamel fil-konfront tas-sieħeb tar-rikorrenti;

ii. Mhux magħruf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-Qorti biex tagħmel dik l-ordni;

iii. Il-partijiet ma jafux x'inkiteb fir-rapport tal-avukat tat-tfal u li kien rilevanti għall-ordni li ngħatat mill-Qorti;

23. Id-digriet li tat il-Qorti kellu effett konsiderevoli fuq l-attriċi u wkoll fuq il-minuri li evidentement għandu relazzjoni tajba mal-attur. L-attriċi bid-digriet impunjat sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn kellha tissepara minn mal-*partner* tagħha. Dan mingħajr mal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) semgħet fil-miftuħ lill-partijiet ikkonċernati. Għal finijiet tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni *'public hearing'* ifisser *'oral hearing'* (ara sentenza **Adzic v.**

**Croatia** (19601/16) tat-2 ta' Mejju, 2019 il-Qorti Ewropea). F'dik l-istess sentenza intqal:

> *"56. The exceptional character of the circumstances that may justify dispensing with an oral hearing in proceedings a 'civil' right essentially comes down to the nature of the issues to be decided by the competent national court. The Court has accepted that exceptional circumstances existed in cases where proceedings concerned exclusively legal or highly technical questions, or where there were no issues of credibility or contested facts which necessitated a hearing and the courts might fairly and reasonably decide the case on the basis of the parties' submissions and other written materials"*.

24. Saħansitra l-Qorti tant kienet konvinta mill-ordni li tat bid-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 li ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex l-inkarigu li ngħatat lil Dr. Carmen Sammut, ikun jinkludi opinjoni dwar ir-relazzjoni tal-minuri mas-sieħeb tal-omm li kien qiegħed jgħix magħhom. Ta' xejn l-appellant jibqa' jinsisti li l-appellanti kellha kull opportunita` li terġa' tippreżenta rikors sabiex il-Qorti tħassar id-digriet tal-1 ta' Ottubru, 2015. Dik il-Qorti għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara bit-tieni digriet li tat fit-28 ta' Ottubru 2015.

25. Fit-28 ta' Frar 2020 din il-Qorti fis-sentenza ***Lotino Borg Ritchel v. Edward Borg et***:[33]

> *'19. Il-Qorti tifhem li quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ikun hemm ta' sikwit każijiet li fihom ikun hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni urġenti. Pero` f'dan il-każ jidher li ma kien hemm xejn x' iżomm lill-Qorti milli qabel tagħti d-digriet finali dwar ir-rikors tal-11 ta' Lulju, 2017, tagħmel dak li jingħad hawn fuq u tagħti spjegazzjoni għalfejn ir-rapport m'għandux ikun aċċessibbli għall-partijiet. Dan apparti kien ikun ukoll ferm iktar floku li l-Qorti tisma' lill-missier sabiex ikollu l-opportunita`*

[33] Deċiż minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2020.

*jagħti spjegazzjoni dwar dak li kien ġie allegat fil-konfront tiegħu. Dan iktar u iktar meta tqis li d-digriet wassal sabiex l-aċċess jitnaqqas konsiderevolment.*

*“...*

*“25. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan hu każ klassiku ta’ digriet mingħajr motivazzjoni adegwata. Fid-digriet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ċivili) ma qalitx x’kienet ir-raġuni għalfejn naqqset l-aċċess b’dak il-mod. Hu essenzjali li digriet ta’ dik ix-xorta, irrispettivament mill-fatt li bih il-kwistjoni dwar laċċess ma ġietx determinata b’mod defenittiv, ikollu motivazzjoni ċara. Il-partijiet f’proċeduri għandhom dritt li jkunu infurmati bir-raġunijiet li jkunu wasslu lill-Qorti sabiex tiddeċiedi. Hekk biss issir ġustizzja li tidher.’*

26. Ladarba l-Qorti ma mmotivatx id-digrieti hawn impunjati, inutli l-appellant jinsisti li l-appellata Vella kienet fiċ-ċans li tħarrek lill-appellat Craven jew saħansitra lil binha Eric bħala xhud tagħha waqt il-każ. Vella ma ngħatatx l-opportunita` li tressaq il-provi meħtieġa biex turi li l-minuri għandu relazzjoni tajba ma’ Craven u li ma kien hemm l-ebda periklu.

27. L-Avukat tal-Istat jilmenta wkoll li ħadd mill-partijiet ma talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jara r-rapport tal-avukat tat-tfal. Rapport li kien ippreżentat fid-29 ta’ Settembru 2015 filwaqt li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat id-digriet tagħha fl-1 ta’ Ottubru 2015 wara li kkonsidrat l-istess. Fil-frattemp, ma jirriżultax li l-partijiet kienu ġew infurmati li r-rapport kien ġie ppreżentat. F’kull każ id-digriet ingħata jumejn wara u għalhekk l-appellata żgur li ma kellhiex l-opportunita` titlob lil dik il-Qorti biex tara r-rapport qabel id-digriet tal-1 ta’ Ottubru, 2015.

28. L-appellant ikompli jilmenta li huwa qatt ma rrefera għall-Artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili, liema dispożizzjoni m'hijiex rilevanti għall-każ in eżami (ara paġna 57 tas-sentenza). Dak hu minnu pero` b'daqshekk ma jfissirx li s-sentenza tal-ewwel Qorti għandha titħassar.

29. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellant b'riferenza għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ser jintlaqa' parzjalment in kwantu jirreferi għar-rikorrent Christopher Craven.

30. **It-tieni aggravju** tal-Avukat tal-Istat hu fis-sens li l-ebda waħda mir-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti ma kellha twassal għal sejbien mill-ewwel Qorti tal-ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Disposizzjoni li tiggarantixxi lill-persuna *"... d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu"*.

31. L-appellant isostni illi:

i. ir-rapport tal-psikologa Dr. Carmen Sammut kien preżentat skond id-digriet tal-1 ta' Ottubru u għalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata meta straħet fuq prova li żviluppat wara l-għoti ta' dak id-digriet;

ii. ma jaqbilx mal-ewwel Qorti li l-inċident li nqala' bejn Joseph Camilleri u Christopher Craven ma kienx wieħed gravi biżżejjed beix iwassal għad-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 b'dan illi l-indħil imwettaq mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bis-saħħa tad-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 kien ġustifikat għall-għanijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u, wkoll wara li twieldet Jade Craven, m'għamlux talba sabiex jinbidlu l-kondizzjonjiet;

iii. għalkemm l-interess tal-minuri ma kellux ikun is-suġġett ta' dawn il-proċeduri stante li mhuwiex parti f'din il-kawża, fil-mument li ngħata d-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015, kien fl-interess tal-minuri li ma jkunx espost għal Christopher Craven ġialadarba kien hemm allegazzjoni li dan seta' jkun ta' theddida għal ħajtu.

32. Fid-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma tat l-ebda raġuni għalfejn ordnat lil Vella sabiex ma *"tesponix"* lill-minuri għas-sieħeb tagħha. Digriet bħal dak jagħti lok għal inċertezza bla bżonn għaliex ma fihx motivazzjoni.

33. Jista' jkun li l-Qorti tat dik l-ordni minħabba dak li allega Camilleri fir-rikors jew jista' jkun kien minħabba dak li l-avukat tat-tfal kitbet fir-rapport. Rapport li evidentement ma kienx aċċessibbli għall-partijiet u mhux magħruf x'inkiteb fih. Il-Qorti li tat id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015

biss taf u din il-Qorti ma tistax toqgħod tispekula x'wassal sabiex tiddeċiedi b'dak il-mod. **Hu essenzjali li digrieti ta' dik ix-xorta, li bħalhom jingħataw diversi waqt proċeduri fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ikunu motivati b'mod ċar. Il-partijiet għandhom dritt ikunu jafu r-raġuni li tkun waslet lill-Qorti sabiex tieħu deċiżjoni bħal dik.** Kawżi ta' din ix-xorta qegħdin jolqtu l-ħajja ta' kuljum ta' familji sħaħ u għalhekk iktar u iktar hemm bżonn ta' ċertezza. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kienet opportuna l-istedina li għamlet l-ewwel Qorti fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2016:-

> *".... qiegħda tinvita lill-partijiet sabiex, mingħajr ma jkun hemm kwalsiasi att li jista' jiftiehem bħala disprezz lejn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ikun hemm konċessjoni fis-sens illi l-minuri Eric Camilleri ikun jista' jkun viċin ir-rikorrenti flimkien fiż-żmien ta' wara illi r-rikorrenti Nadia Vella jkollha t-tarbaija mir-relazzjoni ma' Christopher Craven. Naturalment kollox għandu jsir b'kawtela massima, bi prudenza u dejjem u qabel xejn fl-aħjar interess tal-minuri".*

34. L-appellant argumenta li l-Qorti ma setgħetx ma tqisx l-akkuża serja li għamel il-missier naturali fil-konfront tar-rikorrent, u dik il-Qorti *"83....... kellha l-obbligu li tħares l-interess tal-minuri sakemm tiġi investigata u determinata dik l-allegazzjoni".* Pero` l-appellant jidher li qiegħed jinsa li:-

i. Id-digriet ingħata fl-1 ta' Ottubru, 2015 filwaqt li r-rikors kien preżentat fl-24 ta' Lulju, 2015. Wieħed kien jifhem li jekk il-Qorti rat il-ħtieġa li tipproteġi l-interessi tal-minuri, kienet minnufih tagħti digriet provviżorju sakemm tistabbilixxi l-fatti. Pero` f'dan il-każ id-digriet ingħata xahrejn wara.

ii. Mill-provi ma jirriżultax li qabel id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015, il-Qorti semgħet lill-persuni ikkonċernati sabiex tiddetermina kienx minnu dak li Camilleri allega li Craven qal dwar il-minuri.

35. Madankollu fil-fehma tal-Qorti l-indħil tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-ħajja privata tal-appellati kien ikun bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li kieku ma hemmx prova li kien fl-interess tal-minuri li Craven ma jkunx fil-preżenza tiegħu. Madankollu, ma nistgħux ngħidu li ma hemmx dik il-prova f'dan l-istadju meta hu ċar li ma sarx smigħ xieraq fir-rigward tar-rikors preżentat minn Joseph Camilleri fl-24 ta' Lulju 2015. Dan ikun magħruf biss wara li tingħata deċiżjoni motivata mill-Qorti tal-Familja wara li l-partijiet ikunu ngħataw smigħ xieraq, li sa issa għadu ma sarx. Għalhekk l-aggravju dwar l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma jibqax meħtieġ ladarba d-digriet in kwistjoni tħassar u dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti mhux ser tinbidel. B'hekk il-partijiet reġgħu ġew fl-*istatus quo ante*.

36. Għaldaqstant tilqa' l-aggravju pero` għar-raġuni li ngħatat fil-paragrafu preċedenti.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-Avukat tal-Istat billi sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, tilqa' l-istess *in parte* u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tħassar dik il-parti li laqgħet:-

i. l-ewwel talba u sabet ksur tad-dritt fundamentali tal-appellati taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, u minflok tiddikjara li f'dan l-istadju l-ilment tal-atturi mhemmx għalfejn jiġi mistħarreġ ġialadarba d-digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 tħassar u b'hekk il-partijiet fil-kawża ta' separazzjoni tpoġġew fl-i*status quo ante*.

ii. it-tieni talba u sabet ksur tad-dritt fundamentali tal-appellat Christopher Craven taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, u minflok tiċħad it-talba fir-rigward ta' dak ir-rikorrent.

iii. Għall-kumplament tiċħad l-appell u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Mejju 2019.

iv. L-ispejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs ($^1/_2$) bejn l-Avukat tal-Istat u l-appellati Vella u Craven.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Registratur
rm